**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2016.

Talba Numru: 283/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 3

**GO p.l.c. (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa**
**MRS 1501**

**vs**

**Martinez Francisco Javier (ID100822A)**
**3, Village Close,**
**Triq Guze Muscat,**
**Naxxar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€293.57c) dovuta mill-konvenut lis-Soċjeta` attriċi, rappreżentanti ammont in

konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bil-kont numru *A/C 40297758* moghtija mis-Soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen, rappreżentanta tas-Soċjeta` attriċi, f'liema affidavit l-istess Wiffen kkonfermat bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-Soċjeta` attriċi għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€293.57c) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Gunju, 2014 li hija d-data tal-ittra ufficjali 1275/12 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fuq citata huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**